MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. DEMICOLI AUDREY

Seduta ta' 04 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1818/2002

**Avviz Numru 1818/02AJD**
**Public Broadcasting Services Limited**

**vs**

**Tonio Vella f'ismu proprju u ghan-nom u in rappresentanza ta' Grapevine Pub Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Lulju, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut proprio et nomine jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tlett mija u sitta u erbghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm346.75) rappresentanti prezz ta' servizzi ta' reklamar esegwiti mis-socjeta' attrici fuq il-mezzi tax-xandir taghha u fuq inkarigu tal-konvenut prorio et nomine.
Bl-imghaxijiet u bl-ispejes kollha kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut proprio et nomine debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Anna Evellina Barbara in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonfermat li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut proprio et nomine ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tlett mija u sitta u erbghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm346.75) ,bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut proprio et nomine skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**